# Pittura Sabiħa u Simbolika

Kitba ta' Mario Coleiro



Meta s-sena l-oħra assistejna għall-ftuħ tal-knisja l-ġdida kulħadd kien kelma waħda "Kemm hija knisja sabiħa u li fetħet b'dak kollu neċessarju għall-funjonijiet reliġjużi." Ma dawn il-bżonnijiet rajna wkoll diversi benefatturi li l-ġenerożità tagħhom qanqlithom biex jagħtu xi rigal lill-knisja. Fost dawn ir-rigali nsibu l-pittura ta' l-apside tal-knisja li kienet rregalata mill-Kumpanija *Attard Bros.* Din il-pittura hija xogħol sabiħ ferm tal-pittur Franċiż Range li pittirha fuq it-tila fuq stil klasiku. Fil-kompożizzjoni ta' din il-pittura naraw numru ta' personaġġi li kollha għandhom sinnifikat. Aħna tajniehom numru biex inkunu nistgħu nifħmu aħjar l-ispjega tagħha.

## Santa Venera

Figura li tinsab fuq quddiem tal-pittura hija Santa Venera Verġni u Martri patruna unika tar-raħal tagħna. Lil Santa Venera narawha rasha baxxuta



quddiem Ġesù u qiegħda tirċievi l-barka tiegħu. F'idejha qiegħda żżomm il-palma, il-ġilju u s-salib li jissinbolizzaw il-martirju, is-safa u l-appostolat. Narawha wkoll liebsa l-kuruna tar-rebbieħa.

## Ġesù Kristu

Il-figura ċentrali ta' din il-pittura hija dik ta' Sidna Ġesù Kristu li qiegħed jagħti l-barka tiegħu u jżomm f'idejh il-kitba ta' Alla u Omega li tfisser il-bidu u t-tmiem.

## Spirtu s-Santu

Ħamiema li tirrappreżenta l-Ispirtu s-Santu li tinsab f'raġġ ta' dawl miftuħ minn fuq li juri li niżel minn Alla.

## Marija Santissima

Marija Omm Alla li tidher liebsa l-ilbies tal-Karmelitani u f'idejha qiegħda żżomm il-labtu tal-Karmnu. Marija qiegħda f'din il-pittura bħala omm Alla u l-Ordni Karmelitan li f'idejh għandu fdat it-tmexxija tal-parroċċa tagħna.

## Sant'Agata

Din il-figura hija Sant'Agata li tidher qiegħda żżom platt f'idejha li fih jidher sider ta' mara simbolu tal-martirju ta' din il-qaddisa. Skond it-tradizzjoni d-devozzjoni lejn Santa Venera waslet f'Malta minn Sqallija flimkien mad-devozzjoni lejn Sant'Agata.



## Dun Ġorġ Preca

Dun Ġorġ Preca huwa wieħed minn tliet beati Maltin li kellu konnessjoni mill-viċin mal-parroċċa tagħna. Kien hawn fejn dan il-qassis twajjeb kien jitla' biex jitlob u jimmedita. Kien fil-knisja l-qadima tagħna li Dun Ġorġ kien ordnat Terzjarju Karmelitan u ftit metri 'l bogħod mill-knisja l-ġdida tagħna Dun Ġorġ qatta' l-aħħar żmien ta' ħajtu fejn miet f'din id-dar.

## Anġlu

Anġlu li qiegħed iżomm skudett li fuqu naraw impittra l-PX li hija waħda mis-simboli li hi marbuta ma' Santa Venera patruna tar-raħal. Dan l-iskudett għandu wkoll l-ilwien isfar u blu li huma l-ilwien tar-raħal.

## Il-Knisja l-Qadima

Il-knisja l-qadima u matriċi tar-raħal tagħna. Kien proprju mit-titular ta' din il-knisja u ta' dawk il-knejjes li fl-istess lok kienu mibnijin qabilha li ħa ismu r-raħal tagħna. Il-knejjes kollha li kienu mibnijin f'dan il-lok sa mis-seklu ħmistax kienu ddedikati lil Santa Venera Verġni u Martri li eventwalment tagħt l-isem lill-artijiet tal-madwar, lill-parroċċa u lir-raħal.

## Sant'Elija

Dan il-qaddis li assoċjati miegħu wkoll naraw iż-żwiemel huwa Sant'Elija li huwa l-patrun ta' l-Ordni Karmelitan li kif diġà semmejt għandu f'idejh it-tmexxija tal-parroċċa tagħna. L-Ordni Karmelitan għandu rabta mill-viċin ukoll ma' Santa Venera għar-raġuni li Santa Venera kienet l-ewwel parroċċa f'Malta li kienet fdata f'idejn il-Patrijiet Karmelitani. Bħalma tistgħu taraw din il-pittura qiegħda twassal messaġġ qawwi u li juri li l-fidi tagħna għandha tkun kollha madwar it-tagħlim ta' Sidna Ġesù Kristu u li permezz tal-qaddisin tiegħu jkollna mudell biex fuqu nfasslu ħajjitna.


Għall-orħos prezzijiet ta' **ĦAXIX FRISK**

*Irrikorru għand:*

# Pullu Debono

**Brighella Street, Sta. Venera • Tel: 2148 2996**

*Pullu jixtieq jawguralkom il-Festa t-Tajba*